MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' Diċembru, 2003

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)
(Spettur Robert Gregory)
vs
Mohamed Elbozidi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Mohamed Elbozidi, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 23495A li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-1 ta' Marzu 2003 ghall-habta ta' xi 1.30a.m. fi Triq Santu Wistin, Paceville, San Giljan :

a) ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus, dokumenti u mobile phone liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jiskorri il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Olesya Tokareva;
b) U aktar talli fl-istess hin, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li

fihom il-ligi taghti is-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe’ lil Olesya Tokareva kontra il-volonta taghha;
c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u cioe’ strument li jaqta u bil-ponta;
d) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostani, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer zamm u garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
e) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
f) U aktar kiser il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr N Cuschieri LL.D. datata 12 ta’ Frar, 2002;
g) U fl-ahhar nett talli ikkommetta diversi reati / delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhasra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr A. Mizzi LL.D. datata 10 ta’ Ottubru 2002 u Magistrat Dr J Padovani LL.D. datata 6 ta’ Jannar, 2003;

Rat li fl-interrogatorju Mohamed Elbozidi stqarr li hu ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll li a fol 32 tal-process (14.3.03) huwa stqarr li ma kellu ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu trattati b’mod sommarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi l-aktar xhud li seta' jitfa dawl fuq ir-reati in dizamina certament hi l-allegata vittma u cioe Olesya Tokareva. Din xehdet li wara li kienet gewwa Paceville xi 2.00a.m. iddecidiet li tmur lura lejn id-dar. Meta wasslet qrib Bay Street l-akkuzat, li precedentement ftit minuti qabel kien kellimha, waqafha qabdilha bis-sahha idejha mill-polz u hawn bdiet twegga, hi pruvat tnehhilu idejh, kien hawn li hu hareg sikkina mill-but, mus, werihulha, kien f'dan l-istadju li hadilha l-handbag u telaq jigri bih.

Xehdet li fil-handbag kellha mobile tal-marka L G abjad u credit card Russa. Dwar il-valur tal-mobile li fi kliemha kienet xtrat xi sentejn qabel is-serqa, xehdet a fol. 10, li dana qam "“Maybe 200 $ LM 200”. Mistoqsija tippreciza a fol. 11 wiegbet LM 200. Cash fil-baskett kellha hmistax il-lira Maltin (LM 15). Xehdet ukoll Tokareva li hi gharfet lil akkuzat Elbozidi mill-ferita li l-istess kellu fuq imniehru.

In kontro-ezami giet mistoqsija ghalfejn waqfet meta l-imputat ghajtilha (fit-tieni inkontru taghhom); wiegbet li hasbet li kienu qed jghajtulha hbieb taghha pero' meta rat lilu gej lejha bdiet tibza u ghalhekk bdiet timxi. Ziedet li ghalkemm rat lil akkuzat gej lejha hi ma dahlitx fil-lukanda vicin ghaliex forsi kellha shock fuqha. Iddeskriviet l-incident li gara bejniethom b'dan il-mod :
“Yes one hand he takes my hand hard and I try to be free and this moment he takes knife, look at me and I was very scared and take off my hand and he take my bag”. (fol 19).

Qalet li hu gibdilha l-handbag b'mod mghaggel u li tant ghafsilha idejha li kellha anke tbengilha.

Minn naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa kemm stqarrija kif ukoll ta' x-xhieda tieghu viva voce quddiem din il-Qorti.

Fl-istqarrija qal li hu ra wara li hareg jixrob kin vicin l-Eden Century, hemm ra tfajla li kellha baskett imdendel ma spallejha. Qal “Jien ma qaghadx nahsibha, kont vicin taghha, htaftilha l-baskett u hrabt nigri” (fol 28).

Zid li hu mill-basket ma hax ebda mobile, ha biss il-flus u ta l-kumplament lil siehbu certu Khaled.

Innega li hu kellu sikkina f'idu waqt is-serq tal-basket. Stranament pero' l-ewwel ighid li mat-tfajla kien hemm ragel iehor, meta ffaccat bil-fatt li kien hemm nies ohra li rawh jehdilha l-baskett (dejjem fol 28 vide stqarrija) hu jghid li dawn ma kienx veru ghax "ma kien hemm hadd".

In viva voce xehed b'dan il-mod (a fol 98 - 108). Ammetta s-serqa tal-handbag pero' nnega li hu la kellu sikkina kif ukoll li hu qabdilha idejha. Kompla jzid lir-Russa kienet ma Malti bl-isem ta' Chris li hu kien jaf.

Dwar it-thedid tal-handbag iddeskrivha b'dan il-mod ""Hadtula normali jien mhux bil-forza u b'sahha u bqajt sejjer jien dik hi l-istorja kollha …… u qalet li jien hrigt sikkina hemm security barra, dawn l-affarijiet mhux vera ma ghamilthomx" (a fol. 95).

Mistoqsi l-imputat kif allura dan Chris li fil-verzjoni ta' Elbozidi kien prezenti ghal dan l-incident ma qal xejn, wiegeb li kemm hu kif ukoll dan Chris kienu fis-sakkra.

Jigi rilevat ukoll kif xehed l-Ispettur Christopher Pullicino (a fol. 33) li l-istess vittma gharfet lil aggressur taghha fl-Identification Parade li ppartecipat fiha (Vide Dok CP, CP1 a fol 38, 39 u 40 tal-process).

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Tonna jirrizulta ukoll li Mohamed Elbozidi m'ghandu ebda permess favur tieghu li hu jgorr jew jzomm xi armi.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti mill-ezami kollha tal-fatti kif ukoll minn dak stess li xehed l-istesss akkuzat m'ghandha ebda dubbju fuq il-fatt li hu kkommetta s-serq tal-handbag. Jidher li l-istess akkuzat mill-bidu nett innega li waqt is-serqa hu uza xi sikkina. Innega wkoll li hu fil-fatt zamm lil vittma minn idejha. Ghalhekk qed jinnega l-aggravju tal-vjolenza kif ukoll is-sekwestru tal-persuna. Huwa ukoll veru li fl-

istqarrija l-akkuzat anke semma li l-vittma kienet fil-kumpannija ta’ ragel iehor waqt dan l-incident li pero’ f’dak l-istadju ma qalx x’jismu. Raguni ta’ dan il-fatt viva voce qal li ma riedx jdahhal lil din l-persuna fl-inkwiet. Pero’ viva voce biddel din il-preokkupazzjoni u semma lil din il-pesuna bl-isem ta’ Chris minn Hal Balzan qal ukoll li ghalkemm kien jafu pero’ ma kienx jaf jindika xejn aktar fuqu. Stranament dan Chris qat ma gie imsemmi mill-vittma u ghax kien fis-sakkra (dejjem skond Elbozidi) dana waqt l-incident kollu ma ghamel ebda reazzjoni.

Qal l-istess akkuzat li hu verament seraq il-handbag ta’ Tokareva imma billi gibdilha l-istess u telaq jigri. Jaghti ghalhekk l-impressjoni li l-incident kien aktar imghaggel minn kif irrakkontatu l-istess vittma. Tistaqsi pero’ din il-Qorti kif din il-persuna Russa anke kellha cans b’azzjoni daqstant mghaggla li anke tiddistingwi ferita li Elbozidi ghandu fuq imniehru! ! Huwa ghalhekk aktar kredibbli dak li qalet il-vittma u cioe’ li Elbozidi sahansitra anke zammha minn idejha waqt is-serqa.

Hemm punt li din il-Qorti thoss li ghandu jmur a favur l-akkuzat u cioe’ il-valur tal-mobile. Il-vittma donna b’impressjoni li l-valuta hija identika, titkellem fuq prezz ta’ 200 $ u ta’ LM 200. Anke jekk fl-istess nifs tghid li xtrat il-mobile ghal valur ta’ LM 200, pero’ din il-Qorti in linea mal-massimu “in dubbio pro reo” tqis li l-valur tal-mobile ghandu fin-nuqqas ta’ provi ulterjuri jkun ta’ 200 $.

Ghaldaqstant tqis lil Mohamed Elbozidi hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom barra l-aggravju ta’ l-ammont u dan wara li rat l-artikoli 261, 262, 270, 86 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 66, 49, 50 tal-Kap. 9 (vide fol 67 – 69; 73, 77 sentenzi esebiti), kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9 u l-artikolu 28 A u 28 B tal-Kap. 9.

Dwar il-piena ikkunsidrat li Elbozidi inghata aktar minn opportunita wahda biex jirriforma lilu nnifsu, opportunita li hu qatt ma gharraf jiehu ebda beneficcju minnha anzi jidher li fi zmien qasir 2002 sa 2003 ghalkemm moghti l-beneficcju tal-Kap. 152 u l-Artikolu 28 A u 28 B hu rema kollox u ma wera ebda rispett ghas-sistema gudizzjarja u

legali taghna, ma gharafx anzi li jghix b'mod civilizzat fis-socjeta' taghna. Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 u ikkunsidrat li hu gia kien kiser sentenza sospiza ohra per Magistra Mizzi tal-10 ta' Ottubru 2002, u tordna li sentenza ta' sentejn prigunerija imposta fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tas-6 ta' Jannar, 2003 jibdew isehhu. Dwar ir-reati in dezamina rat ukoll l-artikolu 277, 274, 275, 276 u tikkundannah ghal sentejn habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------